MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 358/2006

**Rikors Numru: 358/06 SM**

**Onor. Dr. Karl Chircop u martu Adriana Chircop**

**vs**

**Alfio Calleja f' ismu proprju u ezercenti n-negozju f' isem id-ditta "Dolce Casa Mobili", u "Dolce Casa Limited", (C17904)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat is-16 ta' Novembru, 2006 li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-intimati fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m' ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Illi jirrifondu s-somma ta’ disa mija u hamsin Lira Maltin (Lm950.00), rapprezentanti l-prezz imhallas mir-rikorrenti ghal sufan tal-marka “Calitalia” mixtri minnhom minghand l-intimati, jew min minnhom u tiehu lura l-istess sufan stante li rrizultaw difetti mohbija a tenur ta’ l-artikolu 1424 u 1427 tal-Kap.16 tal-ligijiet ta’ Malta, prevja dikjarazzjoni li l-kuntratt ta’ bejgh tas-sufan ghandu jigi rexiss minhabba difetti latenti;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-8 ta’ Novembru 2006; u bl-imghax relattiv kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimati datata l-14 ta’ Mejju, 2007, li permezz taghha l-istess intimati eccepew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponenti jirrilevaw illi t-talba ta’ l-atturi hija guridikament insostenibbli, stante t-trapass taz-zmien minn meta gie akkwistat is-sufan mertu tal-kawza, sa meta giet intavolata t-talba ta’ l-atturi;

2. Illi inoltre u minghajr ebda pregudizzju tal-premess, l-esponenti Alfio Calleja ma jiggestix negozju bl-isem ta’ “Dolce Casa Mobili”;

3. Illi fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghal-premess, l-esponenti bonarjament ghamlu kull tentattiv sabiex din il-vertenza tigi rizolta bonarjament, liema sforzi gew ingustament rifjutati mir-rikorrenti;

4. Salv eccezjonijiet ohra jekk ikun il-kaz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat ir-rikors datat l-20 ta’ Mejju, 2009, flimkien mad-dokumenti hemm annessi li permezz tieghu, saret il-legittimazzjoni tal-atti necessarja;

Osservat li l-partijiet esploraw il-possibilita` li jilhqu xi forma ta' kompromess, izda nonostante l-opportunita` ezigwa moghtija, dan kien inutili;

Tirrileva li ghalkemm l-intimati inghataw l-opportunita` li jressqu l-provi taghhom ghazlu li ma jidhrux;

Ikkunsidrat:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti kienu marru fl-istabiliment tal-intimati fejn raw sufan tad-ditta *"Calitalia"* li ghogobhom;

2. Illi ghalhekk fit-12 ta' Jannar, 2006 ordnaw zewg sufanijiet identici pero` ta' kulur u b' gilda differenti;

3. Illi l-konsenja tas-sufan maghzul giet effettwata fit-22 ta' Mejju, 2006;

4. Illi wara madwar xahar u nofs il-kulur tas-sufanijiet beda jmur peress li l-gilda taghhom bdiet titqaxxar, u dan, oltre l-fatt li l-*"flaps"* tal-gilda li kellhom inqalghet ukoll;

5. Illi dawn il-*"flaps"* irrizulta li kienu semplicement stejpilati;

6. Illi l-*"logo"* tad-ditta *"Calitalia"* li kien fuq is-sufanijiet irrizulta li kien imwahhal biss bil-kolla u peress li dan ma kienx bizzejjed inqalghu u waqghu;

7. Illi r-rikorrenti ilmentaw mal-intimati b' dak li kien qed jigri, u l-intimati ghalkemm mill-ewwel urew il-preokkupazzjoni fir-rigward, baqghu ma solvewx il-lanjanza;

8. Illi stante li l-kwistjoni ma gietx rimedjata, ir-rikorrenti kienu kostretti jintavolaw din il-procedura odjerna;

9. Illi fil-mori tal-kawza r-rikorrent Dr. Karl Chircop ghadda ghal hajja ahjar u saret il-legittimazzjoni tal-atti skont il-ligi;

10. Illi da parte taghhom ir-rikorrenti dejjem ikkoperaw mal-intimati, izda nonostante dan, it-tentattivi

ghal rizoluzzjoni extra gudizjarja tal-vertenza dejjem giet stultifikata mill-intimati;

Ikkunsidrat:

Illi skont relazzjoni teknika ex parte datata l-21 ta' Lulju, 2008, ipprezentata mill-istess rikorrenti izda redatta mill-intimati, gie rilevat is-segwenti:

1. Illi s-sufan de quo kien konservat tajjeb mir-rikorrenti go borza tal-plastic;

2. Illi kien evidenti li l-gilda tieghu kienet qed titqaxxar f' diversi postijiet;

3. Illi f' xi postijiet ohra minnhu, il-gilda kienet qed titlef il-kulur;

4. Illi s-sufan kien anke tilef il-forma tieghu;

5. Illi l-*"flaps"* kienu imwahhlin bl-i*staples*;

Ikkunsidrat:

Illi l-hsara riskontrata tant zviluppat f' perijodu tassew qasir, li timmilita abbundantement favur il-lanjanza tar-rikorrenti;

Illi l-fatti riskontrati jindikaw b' certezza logika li s-sufan in dizamina ma kienx tal-kwalita` pattwita;

Illi d-danni sofferti ma jirrizultax li kienu konducibbli ghal xi interventi tar-rikorrenti;

Illi ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi r-risposta kollha tal-intimati u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi t-trapass taz-zmien reklamat mill-intimati kien wiehed irrizorju u mhux kif indikat mill-istess intimati;

2. Illi f' periodu ta' xahar u nofs mhux mistenni li sufan ta' kwalita` jiddeterjora bil-mod kif iddeterjora s-sufan de quo;

3. Illi ghalkemm dan kollu juri li d-danni ikkagunati huma biss konducibbli ghal xoghol hazin, jew fl-ahjar ipotesi, mhux skont is-sengha u l-arti;

4. Illi di piu`, jirrizulta li kien l-istess intimat li innegozja s-sufan in dizamina, u dan, mill-fond gestit minnhu bl-istem indikat fl-istess att promotur;

5. Illi fil-meritu, stante l-inefficjenza tal-prodott, ir-responsabbilita` ghall-istess hi konducibbli lill-intimati;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant, tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara r-rexissjoni tal-kuntratt ta` bejgh tas-sufan in dizamina;

2. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati ihallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' disa` mija u hamsin lira Maltija, ekwivalenti ghall-elfejn, mitejn u tnax –il ewro u disghin centezmu, (€2,212.90), rapprezentanti l-prezz minnhom imhallas ghas-sufan in dizamina;

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata t-8 ta' Novembru, 2006, u l-imghaxijiet relattivi skont il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------